

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Proposta għal Fond Ewropew għad-Difiża

(2018/C 247/08)

Relatur: Dainis Turlais (LV/ALDE), Membru tal-Kunsill tal-Belt ta' Riga

Dokumenti ta' referenza: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża bil-għan li jappoġġa l-kompetittività u l-kapaċità innovattiva tal-industrija tad-difiża tal-UE

COM(2017) 294 final – 2017/0125(COD)

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – It-Tnedija tal-Fond Ewropew għad-Difiża

COM(2017) 295 final

I. RAKKOMANDEZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU L-EMENDI

Emenda 1

Żid konsiderazzjoni ġdida wara l-aħħar konsiderazzjoni:

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<p><i>Wara li kkunsidra l-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti fis-Sigurtà u d-Difiża (PESCO) maqbula minn 23 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea fit-13 ta' Novembru 2017, kif deskritt fit-Trattat tal-UE, fl-Artikoli 42 (6) u 46, kif ukoll fil-Protokoll 10 tal-istess Trattat;</i></p>

Emenda 2

Premessa 2

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>(2) Sabiex jingħata kontribut ħalli jitjiebu l-kompetittività u l-kapaċità tal-innovazzjoni tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni, għandu jnholoq Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Programm"). Il-Programm għandu L-għan li jtejjeb il-kompetittività tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni, fosthom iċ-ċiberdifiża, billi jappoġġa l-koperazzjoni bejn l-impriżi waqt il-faзи tal-iżvilupp tal-prodotti u t-teknoloġiji tad-difiża. Il-faзи tal-iżvilupp, li tiġi wara l-faзи tar-riċerka u t-teknoloġija, tinvolvi riskji u spejjeż ġmielhom, u dawn ifixklu milli jsir aktar sfruttament tar-riżultati tar-riċerka u jolqtu ħażin il-kompetittività tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni. Il-Programm jappoġġa l-faзи tal-iżvilupp u għalhekk jikkontribwixxi għal sfruttament aħjar tar-riżultati tar-riċerka dwar id-difiża u jgħin biex jixxejjen id-distakk bejn ir-riċerka u l-produzzjoni u biex titħeġġeġ kull forma ta' innovazzjoni. Il-Programm għandu jikkumplementa l-attivitajiet imwettqa skont l-Artikolu 182 tat-TFUE u ma jkoprix il-produzzjoni tal-prodotti u t-teknoloġiji tad-difiża.</p>	<p>(2) Sabiex jingħata kontribut ħalli jitjiebu l-kompetittività u l-kapaċità tal-innovazzjoni tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni u sabiex ikun hemm titjib fl-effiċjenza fl-infiq ġenerali tal-Unjoni għad-difiża u b'hekk titrawwem l-awtonomija strateġika tal-UE, għandu jnholoq Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Programm"). Il-Programm għandu jiggarantixxi li l-kompetittività tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni, fosthom iċ-ċiberdifiża jiġu żgurati, filwaqt li jingħata appoġġ għall-koperazzjoni bejn l-impriżi speċjalment l-SMEs, minn diversi stati waqt il-faзи tal-iżvilupp tal-prodotti u t-teknoloġiji tad-difiża. Il-faзи tal-iżvilupp, li tiġi wara l-faзи tar-riċerka u t-teknoloġija, tinvolvi riskji u spejjeż ġmielhom, u dawn ifixklu milli jsir aktar sfruttament tar-riżultati tar-riċerka u jolqtu ħażin il-kompetittività tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni. Il-Programm jappoġġa l-faзи tal-iżvilupp u għalhekk jikkontribwixxi għal sfruttament aħjar tar-riżultati tar-riċerka dwar id-difiża u jgħin biex jixxejjen id-distakk bejn ir-riċerka u l-produzzjoni u biex titħeġġeġ kull forma ta' innovazzjoni. Il-Programm għandu jikkumplementa l-attivitajiet imwettqa skont l-Artikolu 182 tat-TFUE u ma jkoprix il-produzzjoni tal-prodotti u t-teknoloġiji tad-difiża.</p>

Emenda 3

Premessa 3

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>(3) Biex jisfrutta aħjar l-ekonomiji ta' skala fl-industrija tad-difiża, il-Programm għandu jappoġġa l-koperazzjoni bejn l-impriżi waqt il-faзи tal-iżvilupp tal-prodotti u t-teknoloġiji tad-difiża.</p>	<p>(3) Biex jisfrutta aħjar l-ekonomiji ta' skala fl-industrija tad-difiża, il-Programm għandu jappoġġa l-koperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-impriżi rispettivi waqt il-faзи tal-iżvilupp tal-prodotti u t-teknoloġiji tad-difiża, u b'hekk jippromovi l-istandardizzazzjoni tas-sistemi militari filwaqt li jtejjeb l-interoperabilità tagħhom.</p>

Emenda 4

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
(4) Il-Programm għandu jkopri perjodu ta' sentejn mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2020 filwaqt li l-ammont għall-implimentazzjoni tal-Programm għandu jiġi ddeterminat għal dan il-perjodu.	(4) Il-Programm għandu jkopri perjodu ta' sentejn mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2020 filwaqt li l-ammont għall-implimentazzjoni tal-Programm għandu jiġi ddeterminat għal dan il-perjodu. Sabiex il-Programm jiġi ffinanzjat mill-baġit ġenerali tal-Unjoni, għandu jiġi riżervat ammont ta' EUR 500 miljun fi prezzijiet kurrenti għal dak l-għan. Minħabba li l-Programm huwa inizjattiva għida li ma kinitx prevista fiż-żmien meta ġie stabbilit il-qafas finanzjarju pluriennali għall-2020-2014, u biex jiġi evitat kwalunkwe impatt negattiv fuq l-iffinanzjar ta' programmi pluriennali eżistenti, dak l-ammont għandu jittieħed minn marġnijiet mhux allokat taħt il-limiti massimi tal-qafas finanzjarju pluriennali. L-ammont finali għandu jiġi awtorizzat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill permezz tal-proċedura baġitarja annwali.

Raġuni

Evidenti.

Emenda 5

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
(5) Il-Programm għandu jiġi implimentat b'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾ . Il-finanzjament jista' jieħu l-għamla ta' għotjiet. Meta jkun xieraq jistgħu jintużaw l-istrumenti finanzjarji jew l-akkwist pubbliku.	(5) Il-Programm għandu jiġi implimentat b'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾ . Il-finanzjament jista' jieħu l-għamla ta' għotjiet. Meta jkun xieraq jistgħu jintużaw l-istrumenti finanzjarji jew l-akkwist pubbliku, u jistgħu jkun ta' interess il-mekkaniżmi ta' taħlit.
⁽⁶⁾ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).	⁽⁶⁾ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Raġuni

Mhux applikabbli

Emenda 6

Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>(10) Il-Programm għandu l-għan li jappoġġa l-kompetittività tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni billi jtaffi r-riskju waqt il-fażi tal-iżvilupp għall-proġetti ta' koperazzjoni, l-azzjonijiet relatati mal-iżvilupp ta' prodott jew teknoloġija tad-difiża, fosthom id-definizzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi komuni, id-disinn, il-ħolqien ta' prototipi, l-ittestjar, l-ikkwalifikar, iċ-ċertifikazzjoni u l-istudji dwar il-fattibbiltà u miżuri oħra ta' sostenn, għandhom ikunu eliġibbli biex jibbenefikaw minnu. Dan se japplika wkoll għat-titjib tal-prodotti u t-teknoloġiji eżistenti tad-difiża.</p>	<p>(10) Il-Programm għandu l-għan li jappoġġa l-awtonomija strateġika tal-UE billi jsaħħaħ il-kapaċitajiet tad-difiża tagħha u li jappoġġa l-kompetittività tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni billi jtaffi r-riskju waqt il-fażi tal-iżvilupp għall-proġetti ta' koperazzjoni, l-azzjonijiet relatati mal-iżvilupp ta' prodott jew teknoloġija tad-difiża, fosthom id-definizzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi komuni, id-disinn, il-ħolqien ta' prototipi, l-ittestjar, l-ikkwalifikar, iċ-ċertifikazzjoni u l-istudji dwar il-fattibbiltà u miżuri oħra ta' sostenn, għandhom ikunu eliġibbli biex jibbenefikaw minnu. Dan se japplika wkoll għat-titjib tal-prodotti u t-teknoloġiji eżistenti tad-difiża żviluppata mill-Istati Membri.</p>

Emenda 7

Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>(13) Il-Programm għandu l-għan li jtejjeb il-kompetittività tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni, u għalhekk l-entitajiet biss stabbiliti fl-Unjoni u li huma kkontrollati b'mod effettiv mill-Istati Membri jew miċ-ċittadini tagħhom, għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ. Barra minn hekk, biex tkun żgurata l-protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, l-infrastruttura, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi użati mill-benefiċjarji u mis-subkuntratturi fl-azzjonijiet iffinanzjati mill-Programm jenħtieġ ikunu fit-territorju tal-Unjoni.</p>	<p>(13) Il-Programm għandu l-għan li jtejjeb il-kompetittività tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni, u għalhekk l-entitajiet biss stabbiliti fl-Unjoni u li huma kkontrollati b'mod effettiv mill-Istati Membri jew miċ-ċittadini tagħhom, għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ. Barra minn hekk, biex tkun żgurata l-protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, l-infrastruttura, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi użati mill-benefiċjarji u mis-subkuntratturi fl-azzjonijiet iffinanzjati mill-Programm jenħtieġ ikunu fit-territorju tal-Unjoni.</p> <p>Il-koperazzjoni transkonfinali tirrikjedi li l-kumpaniji stabbiliti fl-UE jkollhom il-protezzjoni minn interferenza minn kumpaniji minn Stati mhux membri.</p>

Emenda 8

Premessa 21

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
(21) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi programm ta' ħidma pluriennali b'konformità mal-għanijiet tal-Programm. Il-Kummissjoni għandha tingħata l-għajnuna minn Kumitat tal-Istati Membri (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat tal-Programm") biex tistabbilixxi dan il-programm ta' ħidma. Fid-dawl tal-politika tal-Unjoni dwar l-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) bħala element ewlieni biex ikunu żgurati t-tkabbir ekonomiku, l-innovazzjoni, il-ħolqien tal-impjegi u l-integrazzjoni soċjali fl-Unjoni, u fid-dawl tal-fatt li l-azzjonijiet sostnuti tipikament se jeħtieġu kollaborazzjoni transnazzjonali, hu importanti li l-programm ta' ħidma jirrifletti u jippermettu din il-parteċipazzjoni transfruntiera tal-SMEs u li għalhekk din l-azzjoni tibbenefika minn proporzjon tal-baġit totali.	(21) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi programm ta' ħidma pluriennali b'konformità mal-għanijiet tal-Programm. Il-Kummissjoni għandha tingħata l-għajnuna minn Kumitat tal-Istati Membri (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat tal-Programm") biex tistabbilixxi dan il-programm ta' ħidma. Fid-dawl tal-politika tal-Unjoni dwar l-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) bħala element ewlieni biex ikunu żgurati t-tkabbir ekonomiku, l-innovazzjoni, il-ħolqien tal-impjegi u l-integrazzjoni soċjali fl-Unjoni, u fid-dawl tal-fatt li l-azzjonijiet sostnuti tipikament se jeħtieġu kollaborazzjoni transnazzjonali, hu importanti li l-programm ta' ħidma jirrifletti u jippermetti din il-parteċipazzjoni transfruntiera tal-SMEs, fejn l-ammont tal-għotja jkun mill-inqas 20 % tal-baġit annwali globali.

Emenda 9

Premessa ġdida wara Premessa 25

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	(26) Il-Kummissjoni għandha tiffoka fuq approċċ territorjali/ibbażat fuq post, filwaqt li tipprovdi informazzjoni lil SMEs, lil raggruppamenti reġjonali u lil reġjuni fl-Istati Membri kollha dwar il-possibiltajiet għall-użu tal-Programm u dwar aktar possibiltajiet ta' finanzjament għal proġetti ta' difiża, b'mod partikolari fuq il-bażi tal-protezzjoni ta' strateġiji reġjonali għall-iżvilupp tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti.

Emenda 10

Artikolu 2

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Artikolu 2 L-għanijiet	Artikolu 2 L-għanijiet
Il-Programm għandu ikollu dawn l-għanijiet:	Il-Programm għandu ikollu dawn l-għanijiet:
(a) irawwem il-kompetittività u l-kapaċità tal-innovazzjoni tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni permezz ta' azzjonijiet ta' appoġġ waqt il-fażi tal-iżvilupp tagħhom;	(a) irawwem il-kompetittività u l-kapaċità tal-innovazzjoni tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni permezz ta' azzjonijiet ta' appoġġ waqt il-fażi tal-iżvilupp tagħhom;

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
(b) jappoġġa u jingranaġġa l-koperazzjoni bejn l-impriżi, inkluż l-SMEs, waqt l-iżvilupp ta' teknoloġiji jew prodotti b'konformità mal-prijoritajiet tal-kapaċità tad-difiża miftiehma b'mod komuni mill-Istati Membri tal-Unjoni;	(b) jappoġġa u jingranaġġa l-koperazzjoni bejn l-impriżi, inkluż l-SMEs, waqt l-iżvilupp ta' teknoloġiji jew prodotti b'konformità mal-prijoritajiet tal-kapaċità tad-difiża miftiehma b'mod komuni mill-Istati Membri tal-Unjoni;
(c) irawwem sfruttament aħjar tar-riżultati tar-riċerka dwar id-difiża u jikkontribwixxi biex jixxejjen id-distakk bejn ir-riċerka u l-iżvilupp.	(c) irawwem sfruttament aħjar tar-riżultati tar-riċerka dwar id-difiża u jikkontribwixxi biex jixxejjen id-distakk bejn ir-riċerka u l-iżvilupp.
	(d) jibni kapaċità ta' difiża u sigurtà fl-Istati Membri tal-UE li jinsabu mal-fruntieri esterni.

Raġuni

Il-programm għandu jkun inklużiv u miftuħ għal benefiċjarji minn kull Stat Membru, li jkisser is-sajlos ġeografiċi. Sabiex jimplimentaw l-obbligazzjonijiet fil-kontroll u d-difiża tal-fruntieri esterni tal-UE, l-Istati Membri rispettivi għandu jkollhom il-possibbiltà li jiżviluppaw speċjalizzazzjonijiet intelliġenti fil-kuntest tal-industrija tad-difiża.

Emenda 11

Artikolu 3

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Artikolu 3	Artikolu 3
Il-baġit	Il-baġit
Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2019-2020 hu stabbilit għal EUR 500 miljun bil-prezzijiet attwali.	Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2019-2020 hu stabbilit għal EUR 500 miljun bil-prezzijiet attwali, li għandhom jittieħdu esklużivament minn margniji mhux allokat u mhux minn riallokazzjonijiet baġitarji.

Raġuni

Ma jistax jiġi immaġinat li l-baġit allokat għal dan il-programm, li ma kienx previst fil-mument tal-istabbiliment tal-qafas finanzjarju pluriennali, jittieħed minn mezzi li kienu diġà allokat għall-programmi attwali tal-UE.

Emenda 12

Artikolu 4(1)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Id-dispożizzjonijiet ġenerali tal-finanzjament</p> <p>L-ghajjnuna finanzjarja tal-Unjoni tista' tingħata bit-tipi ta' finanzjament previsti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, u b'mod partikolari:</p> <p>(a) għotjiet;</p> <p>(b) strumenti finanzjarji;</p> <p>(c) akkwist pubbliku.</p>	<p>Id-dispożizzjonijiet ġenerali tal-finanzjament</p> <p>L-ghajjnuna finanzjarja tal-Unjoni tista' tingħata bit-tipi ta' finanzjament previsti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, b'mod partikolari għotjiet, u possibbilment ukoll permezz ta' strumenti finanzjarji, u akkwist pubbliku. Tista' tingħata ghajjnuna finanzjarja mill-Unjoni għal assistenza teknika għall-iżvilupp ta' proġetti mill-SMEs.</p>

Emenda 13

Artikolu 7(1)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>L-entitajiet eliġibbli</p> <p>Il-benefiċjarji għandhom ikunu impriżi stabbiliti fl-Unjoni, fejn Stati Membri u/jew iċ-ċittadini ta' Stati Membri jkollhom sjieda ta' fuq aktar minn 50 % tal-impriża u effettivament jikkontrollawha skont it-tifsira tal-Artikolu 6 (3), direttament jew indirettament b'impriża intermedja waħda jew aktar. Barra minn hekk, l-infrastrutturi, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi użati mill-parteċipanti, inkluż mis-subkuntratturi u minn partijiet terzi oħra, f'azzjonijiet iffinanzjati mill-Programm għandhom ikunu fit-territorju tal-Unjoni matul il-perjodu kollu tal-azzjoni.</p>	<p>L-entitajiet eliġibbli</p> <p>Il-benefiċjarji li jissodisfaw il-kriterji għal kooperazzjoni transkonfinali, u s-subkuntratturi tagħhom għandhom ikunu impriżi stabbiliti fl-Unjoni, fejn Stati Membri u/jew iċ-ċittadini ta' Stati Membri jkollhom sjieda ta' fuq aktar minn 50 % tal-impriża u effettivament jikkontrollawha skont it-tifsira tal-Artikolu 6(3), direttament jew indirettament b'impriża intermedja waħda jew aktar. Barra minn hekk, l-infrastrutturi, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi użati mill-parteċipanti, inkluż mis-subkuntratturi u minn partijiet terzi oħra, f'azzjonijiet iffinanzjati mill-Programm għandhom ikunu fit-territorju tal-Unjoni matul il-perjodu kollu tal-azzjoni.</p>

Emenda 14

Artikolu 10

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Il-kriterji tal-għoti</p> <p>L-azzjonijiet proposti għall-finanzjament mill-Programm għandhom jiġu evalwati abbażi ta' dawn il-kriterji kumulattivi:</p> <p>(a) eċċellenza</p> <p>(b) kontribut għall-innovazzjoni u għall-iżvilupp teknoloġiku tal-industriji tad-difiża u b'hekk irawmu l-awtonomija industrijali tal-Unjoni fil-qasam tat-teknoloġiji tad-difiża; u</p>	<p>Il-kriterji tal-għoti</p> <p>L-azzjonijiet proposti għall-finanzjament mill-Programm għandhom jiġu evalwati abbażi ta' dawn il-kriterji kumulattivi:</p> <p>(a) eċċellenza</p> <p>(b) kontribut għall-innovazzjoni u għall-iżvilupp teknoloġiku tal-industriji tad-difiża u b'hekk irawmu l-awtonomija industrijali tal-Unjoni fil-qasam tat-teknoloġiji tad-difiża; u</p>

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>(c) kontribut għall-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni billi jissaħħu t-teknoloġiji tad-difiża li jgħinu biex jimplimentaw il-prijoritajiet tal-kapaċità ta' difiża li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-kapaċitajiet tad-difiża miftiehma mill-Istati Membri fl-Unjoni; u</p> <p>(d) il-vijabbiltà, l-aktar billi l-benefiċjarji juru li l-ispejjeż għall-azzjoni eliġibbli huma koperti minn mezzji oħra ta' finanzjament, bħall-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri; u</p> <p>(e) għall-azzjonijiet deskritti fil-punti (b) sa (e) tal-Artikolu 6 (1), il-kontribut għall-kompetittività tal-industrija Ewropea tad-difiża billi l-benefiċjarji juru li l-Istati Membri impenjaw ruħhom biex flimkien jipproduċu u jakkwistaw il-prodott finali jew it-teknoloġija b'mod koordinat, inkluż l-akkwist konġunt meta applikabbli.</p>	<p>(c) kontribut għall-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni billi jissaħħu t-teknoloġiji tad-difiża li jgħinu biex jimplimentaw il-prijoritajiet tal-kapaċità ta' difiża li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-kapaċitajiet tad-difiża miftiehma mill-Istati Membri fl-Unjoni; u</p> <p>(d) il-vijabbiltà, l-aktar billi l-benefiċjarji juru li l-ispejjeż għall-azzjoni eliġibbli huma koperti minn mezzji oħra ta' finanzjament, bħall-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri; u</p> <p>(e) għall-azzjonijiet deskritti fil-punti (b) sa (e) tal-Artikolu 6 (1), il-kontribut għall-kompetittività tal-industrija Ewropea tad-difiża billi l-benefiċjarji juru li l-Istati Membri impenjaw ruħhom biex flimkien jipproduċu u jakkwistaw il-prodott finali jew it-teknoloġija b'mod koordinat, inkluż l-akkwist konġunt meta applikabbli.</p> <p><i>L-azzjonijiet eliġibbli għall-finanzjament fil-qafas tal-parti tal-Programm bl-għan li jappoġġjaw 'l-SMEs u t-tisħiħ tal-kapaċità fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà fir-reġjuni tal-fruntiera tal-UE, għandhom jiġu vvalutati fuq il-bażi tal-kriterji li ġejjin:</i></p> <p>(a) <i>eċċellenza</i></p> <p>(b) <i>potenzjal biex tinħoloq sistema integrata ta' impriżi fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża</i></p> <p>(c) <i>il-vijabbiltà, billi l-benefiċjarji juru li l-ispejjeż huma koperti minn mezzji oħrajn ta' finanzjament, bħall-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri.</i></p>

Raġuni

Mhux applikabbli

Emenda 15

Artikolu 13(3)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Il-programm ta' ħidma</p> <p>Il-programm ta' ħidma għandu jiżgura li azzjonijiet li jippermettu l-parteciżazzjoni transfruntiera tal-SMEs jibbenefikaw minn proporzjon tal-baġit totali.</p>	<p>Il-programm ta' ħidma</p> <p>Il-programm ta' ħidma għandu jiżgura li azzjonijiet li jippermettu l-parteciżazzjoni transfruntiera tal-SMEs jibbenefikaw minn tal-anqas 20 % tal-baġit totali.</p>

Raġuni

Mhux applikabbli

II. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI,

Introduzzjoni

1. jinnota li s-sigurtà globali qed tiġi mhedda minn firxa dejjem aktar usa' ta' theddid (gwerra, kunflitti armati, terroriżmu, immigrazzjoni illegali, korruzzjoni, populiżmu). Jeżistu problemi speċifiċi tas-sigurtà f'kull pajjiż tal-UE u f'kull reġjun. Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni (KtR) jappoġġa l-proposta għal "Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża" u l-oġettivi tiegħu ta': promozzjoni tal-kompetittività u l-innovazzjoni tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni, inkluż fil-qasam taċ-ċiberdifiża, l-isfruttar aħjar tar-riżultati mir-riċerka dwar id-difiża, il-promozzjoni ta' kooperazzjoni bejn impriżi fl-iżvilupp ta' prodotti u teknoloġiji tad-difiża, kif ukoll proġetti ta' kooperazzjoni fit-tul fl-Istati Membri. Jilqa' b'sodisfazzjon ukoll l-inizjattiva biex jiġi stabbilit Fond Ewropew għad-Difiża, li tiġbor fiha kemm il-"Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża" kif ukoll l-"Azzjoni preparatorja fuq ir-riċerka dwar id-Difiża".

2. jassumi li s-sigurtà ta' kull pajjiż kif ukoll madwar l-UE sserraħ primarjament fuq żewġ pilastri: il-potenzjal ekonomiku, kif ukoll l-unità u l-koeżjoni tas-soċjetà. Sadattant, is-sigurtà ta' kull Stat Membru individwali hija sinonima mas-sigurtà tal-UE kollha kemm hi. L-UE għandha tkun aktar viġilanti dwar is-sigurtà tagħha u tadotta profil aktar b'saħħtu bħala attur globali influenti favur il-paċi.

Konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità

3. jirrikonoxxi l-Artikolu 173 tat-TFUE bħala l-bażi ġuridika xierqa għall-Programm għax jirrelata mal-kompetittività tal-industrija.

4. jenfasizza li l-implimentazzjoni tal-programm EDIDP ser tkun ġestita mill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża li topera bħala aġenzija regolatorja responsabbli biss lejn il-Kunsill. Barra minn hekk, mhijiex Prattika komuni għal aġenzija regolatorja li timmaniġġja allokazzjonijiet tal-baġit daqshekk kbar. Il-KtR għalhekk jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tiżgura l-ogħla livell ta' trasparenza fit-tħaddim tal-programm EDIDP u tieħdu eżempju dwar il-funzjonament tal-aġenziji eżekuttivi responsabbli lejn il-Parlament Ewropew.

5. jistieden lill-Kummissjoni tisfrutta l-potenzjal tal-Istati Membri tal-UE kollha u mhux tiffoka fuq oqsma speċifiċi. M'għandux jiġi minsi li l-iżvilupp reġjonali huwa rilevanti wkoll għas-sigurtà interna tal-Istati Membri individwali tal-UE u huwa wieħed mill-għanijiet ta' żvilupp tagħhom;

6. jappella għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' sigurtà u ta' difiża tar-reġjuni bi fruntieri esterni tal-UE;

Enfasi fuq il-valur miżjud tal-UE

7. jinsisti li l-UE tista' tilħaq il-paċi, il-libertà, l-ugwaljanza u l-istabbiltà permezz ta' ħidma mill-qrib mal-gvernijiet tal-Istati Membri, fejn il-valur miżjud Ewropew jinsab fuq l-aġenda. Dan għandu jkun ukoll l-għan tal-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża;

8. jappoġġa l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea li tuża s-setgħat kollha tagħha biex issaħħaħ il-kapaċitajiet tal-Istati Membri tal-UE u biex titrawwem il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri bil-għan li jiġu żgurati integrazzjoni aktar profonda u gwida ċara dwar id-direzzjoni tal-pjan ta' appoġġ għall-ippjanar tal-kapaċitajiet ta' difiża nazzjonali u t-twaqqif ta' ktajjen ta' provvista integrati u kompetittivi;

9. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-bini ta' ktajjen ta' provvista kompetittivi u integrati fl-UE jiddependi fuq ir-rieda politika tal-Istati Membri biex jimpenjaw ruħhom għaliha. Il-Fond Ewropew għad-Difiża għandu jfassal u jippromovi azzjonijiet bejn l-Istati Membri fil-qasam ta' tagħmir u teknoloġiji tad-difiża;

10. jenfasizza l-importanza ta' ħidma attiva għall-awtonomija strateġika tal-UE u biex tiżdied il-kapaċità ta' difiża tagħha. Il-kompetittività tal-industrija Ewropea tad-difiża għandha tingħata appoġġ, u għandha tingħata attenzjoni kbira biex jiġi vverifikat jekk l-applikanti joriġinawx effettivament mill-UE. Il-kuntratturi u s-sottokuntratturi prinċipali għandhom ikunu stabbiliti fl-Unjoni Ewropea, u tal-inqas in-nofs tal-impriża għandu jkun jappartjeni lill-Istati Membri jew persuni fiżiċi u legali tal-UE u li huma effettivament ikkontrollati mill-kapital Ewropew. Il-ġestjoni u l-kontroll effettiv ta' dawn l-impriżi għandu jkun jista' jiġi lokalizzat fl-Unjoni Ewropea. Barra dan, il-Kummissjoni Ewropea għandha tiżgura wkoll li l-ebda pajjiż terz ma jkollu kontroll effettiv fuq l-organizzazzjonijiet membri tal-konsorzju;

11. jenfasizza li l-Fond Ewropew għad-Difiża ma jieħux post l-azzjonijiet tal-Istati Membri, iżda jintroduċi proġetti transkonfinali li Stat Membru ma jkunx jista' jiffinanzja waħdu. Il-Fond Ewropew għad-Difiża, flimkien mal-Istati Membri, in-NATO u investimenti internazzjonali oħrajn – jikkomplementa l-azzjoni mwettqa mill-Istati Membri u jipprovdi valur miżjud Ewropew ċar għall-politika tad-difiża Ewropea;

L-integrazzjoni tal-SMEs fil-ktajjen tal-provvista tal-industrija tad-difiża Ewropea

12. jilqa' bi pjaċir l-approċċ ta' "ċiklu tal-ħajja" għal Fond Ewropew għad-Difiża biex jingħata appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp ta' prodotti/teknoloġiji tad-difiża u li għalihom huma previsti żewġ komponenti (twieqi) fil-Fond Ewropew għad-Difiża;

13. jirrakkomanda bil-qawwa li jingħataw punti addizzjonali fl-analiżi tal-applikazzjonijiet għal proġetti ta' konsorzji magħmulin minn numru kbir ta' SMEs;

14. jinnota li prijorità importanti għall-iżvilupp taż-żewġ oqsma ta' Fond Ewropew għad-Difiża huwa mekkaniżmu effettiv għall-ippjanar tal-kapaċitajiet, li jistabbilixxi l-prijoritajiet għar-riċerka u l-ħiliet u jikkordina iż-żewġ oqsma mill-qrib;

15. jemmen li għandu jintuża finanzjament addizzjonali tal-UE biex jappoġġa l-industrija tad-difiża fit-territorju tagħha stess, u jappoġġa d-definizzjoni tal-benefiċjarji kif tintuża mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha;

16. jistieden lill-Istati Membri biex jipparteċipaw b'mod attiv fil-ġestjoni taż-żewġ setturi tal-Fond u biex jiddefinixxu l-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tagħhom;

17. jilqa' b'sodisfazzjon il-pjani tal-Kummissjoni li tippromovi użu aktar effiċjenti tal-applikazzjonijiet ċivili fil-qasam militari; iqis li għandu jkun hemm investiment f'dawn it-teknoloġiji bħala opportunità eċċellenti biex tingħata spinta lit-tkabbir ekonomiku fl-UE u biex jinħolqu impjiegi ta' kwalità għolja, peress li dan il-qasam għandu rabta trasversali ma' diversi setturi: l-elettronika, l-ajruspazju, ir-robotika, l-informatika bi prestazzjoni għolja l-isparzju, it-tessuti, il-kostruzzjoni, it-telekomunikazzjoni, is-sorveljanza, l-enerġija, in-navigazzjoni, eċċ.;

18. jirrimarka li l-kumpaniji li jaħdmu b'dawn it-teknoloġiji innovattivi huma fuq kollox l-istart-ups u l-SMEs li, b'appoġġ xieraq, jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-avvanz teknoloġiku fis-settur tad-difiża. Hija pożittiva u importanti d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li l-UE ttipprovdi appoġġ speċifiku għall-SMEs f'dan is-settur;

19. jappella għal koordinazzjoni aħjar bejn is-servizzi rilevanti sabiex il-partijiet interessati jiġu informati u jiġu promossi oġġetti u teknoloġiji ġodda b'użu doppju. L-UE għandha tisfrutta dan il-potenzjal enormi f'termini ta' tkabbir u kompetittività;

20. jaqbel mal-fehma tal-Kummissjoni Ewropea li tiffaċilita l-involvement tal-SMEs fi proġetti transkonfinali, li għandhom jingħataw appoġġ finanzjarju mill-Fond Ewropew tad-Difiża. Huwa importanti li jitfakkar li l-involvement tal-SMEs fil-katina tal-forniment tal-industrija tad-difiża Ewropea għandu jservi biex itejjeb is-sigurtà u d-difiża tal-UE, il-kompetittività u l-awtonomija strateġika. Il-Fond Ewropew għad-Difiża għandu jipprovdi inċentivi biex jintlaħqu dawn l-oġġettivi;

21. huwa tal-fehma li l-Kummissjoni Ewropea għandha timmobilizza l-istrumenti kollha li għandha sabiex jiġi żgurat li l-SMEs jgawdu minn aċċess ugwali għall-Fond Ewropew għad-Difiża madwar l-UE. Il-progress fl-innovazzjoni ma jistax jitkejjel fuq perjodu ta' żmien qasir, madankollu jeħtieġ li l-ewwel jinkisbu r-riżultati. Ċertament, l-introduzzjoni ta' politika tal-innovazzjoni pjanata tajjeb u koordinata fil-livelli kollha se sservi biex tħeġġeġ lil aktar kumpaniji innovattivi biex jagħmlu investimenti strateġiċi fl-SMEs;

22. jappella lill-Kummissjoni biex tappoġġja l-miżuri li ġejjin li jistgħu jżidu l-parteċipazzjoni tal-SMEs fi proġetti ta' difiża:

- il-kriterji tal-għoti għall-iffinanzjar ta' proġetti ta' kooperazzjoni fil-qafas finanzjarju pluriennali attwali (QFP) għandhom jinkludu wkoll il-kundizzjoni li jkunu involuti tal-inqas tliet kumpaniji minn tal-anqas żewġ Stati Membri. Huwa importanti li l-proġetti proposti jkunu verament transkonfinali u jkunu jistgħu jikkontribwixxu biex titnaqqas il-frammentazzjoni tas-suq tad-difiża fl-UE. Il-kriterji tal-għoti għandhom jallokaw punti addizzjonali għal dawk il-konsorzji li jinvolvu għadd ta' kumpaniji u Stati Membri;
- konsorzji b'numru akbar ta' SMEs parteċipanti għandu jkollhom preċedenza fuq proġetti simili b'għadd iżgħar ta' SMEs;
- jitlob li, sakemm ikun possibbli, mill-inqas qasam tematiku wieħed ta' riċerka u żvilupp jiġi marbut mal-SMEs, kif diġà huwa l-każ fl-offerti tal-akkwist pubbliku għal proposti ta' riċerka;
- jitlob li tiġi stabbilita sistema ta' komunikazzjoni stabbli biex tikkoordina l-attivitajiet ta' informazzjoni konġunti mis-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni, peress li wieħed mill-benefiċċji ewlenin ta' tali sistema huwa li sservi ta' punt uniku ta' servizz għall-alternattivi ta' finanzjament kollha, inklużi l-programmi rilevanti kollha tal-UE fil-qasam tad-difiża u l-oġġetti b'użu doppju. Huwa importanti li din is-sistema ta' komunikazzjoni tintuża biex jiġu ppubblikati eżempji ta' Prattika tajba;
- jilqa' d-deċizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li talloka parti mill-Fond Ewropew għad-Difiża għall-SMEs għal proġetti li jippromovu l-parteċipazzjoni transkonfinali ta' SMEs; jilqa' bi pjaċir l-għajjnuna tal-Unjoni sa massimu ta' 20 % tat-total tal-ispejjeż eliġibbli tal-azzjoni.

Finanzjament

23. jirrimarka li l-grupp tal-BEI huwa msieħeb importanti għall-investimenti f'teknoloġiji b'użu doppju fejn l-SMEs jaqdu rwol importanti fl-oqsma ta' tagħmir jew teknoloġija militari għal użu ċivili, is-sigurtà ċibernetika, it-tilqim, is-sigurtà bijoloġika, it-telekomunikazzjoni u l-infrastrutturi tal-informazzjoni;

24. jenfasizza li, minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tas-settur tad-difiża, is-servizzi bankarji mhumiex kollha adatti biex jappoġġjaw "l-SMEs; jilqa" bi pjaċir l-approċċ proattiv tal-BEI biex jintużaw strumenti oħrajn bħal self, garanziji u ekwità.

25. iqis li l-adozzjoni ta' Fond Ewropew għad-Difiża m'għandhiex isservi bħala pretest biex jinfluwenza b'xi mod jew jitnaqqsu l-allokazzjonijiet tal-politika ta' koeżjoni, li għandhom jibqgħu l-għodda ewlenija ta' investment pubbliku tal-Unjoni Ewropea, bil-għan li titjeb l-integrazzjoni Ewropea permezz tal-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali.

Brussell, it-23 ta' Marzu 2018.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

Karl-Heinz LAMBERTZ